**FIL-QORTI CIVILI**

**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 28 ta' Jannar, 2020.**

**Rikors nru: 166/04 AGV**

**AB pro et noe.**

**Vs**

**CB**

**Il-Qorti,**

Rat ic-citazzjoni tal-attrici pprezentat fil-25 ta' Mejju, 2004 li permezz tieghu ppremettiet u talbet is-segwenti:-

1. Peress illi l-partijiet izzewwgu f'Malta fl-10 ta' Lulju, 1999 u miz-zwieg taghhom kellhom zewgt itfal u cioe' C u D ahwa B li ghadhom minorenni.

2. U peress illi l-hajja mizzewwga tal-kontendenti saret impossibbli minhabba sevizzi, eccessi, minacci u ngurji gravi kommessi mill-konvenut kontra l-attrici u minhabba li z-zwieg tkisser irrimedjabilment.

3. U peress li l-attrici ghal dawn il-motivi, talbet u ottjeniet l-awtorizzazzjoni sabiex tipprocedi f' dina l-istanza permezz ta' digriet moghti mis-Sekond'Awla tal-Qorti Civili tas- 16 ta' Marzu, tas-sena korrenti (Dig.267/04) liema digriet ghadu in vigore. (Dok. A).

4. U peress illi l-partijiet permezz ta' kuntratt ante nuzjali fl-atti tan-Nutar Dottor John Patrick Hayman tal-21 ta' Gunju, 1999 eskludew il-komunjoni tal-akkwisti bhala r-regim patrimonjali li ghandha tapplika ghalihom fiz-zwieg (Dok. B).

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi ighid il-konvenut ghaliex:-

1. M'ghandhiex tigi pronunzjata s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti konjugi Spiteri minhabba sevizzi, eccessi, minacci u ingurji gravi kommessi mill-konvenut kontra martu u minhabba li z-zwieg tkisser irrimedjabilment.

2. M'ghandhiex l-attrici tigi fdata bil-kura u kustodja tal-minuri C u D ahwa B salv l-access favur il-konvenut stabbilit fl-ahjar interess tal-minuri.

3. M’ ghandhiex din il-Qorti tiffissa retta alimentarja ghaliha u ghall-wild minuri, imsemmija u tordna lill-konvenut ihallasha dik ir-retta hekk stabbilita, b’dawk il-modalitaijiet kollha li jidhrilha xierqa.

4. M’ghandhomx jigu applikati kontra l-imsemmi konvenut l-effetti tad-disposizzjonijiet tal-Artikoli 48, 51 u 53 tal-Kodici Civili (Kap.16 tal-Ligijiet ta’ Malta) in toto jew in parte.

5. Tapplika kontra l-konvenut id-disposizzjonijiet tal-Artikoli 54 tal-Kodici Civili (Kap.16 tal-Ligijiet ta’ Malta) partikolarment l-artikoli 54(3) u 54 (6) tal-istess billi tillikwida ammont kapitali dovut lill-attrici u tordna lill-konvenut ihallasha dik is-somma hekk likwidata fi flus jew per assenjazzjoni ta’ proprjeta’ idonea.

6. Tordna lill-konvenut jirrestitwixxi lill-attrici il-beni kollha parafernali u dotali taghha kif ukoll jirrifondiha jew isalda kull kreditu lilha spettanti.

7. Tawtorizza lill-attrici sabiex tabita fid-dar matrimonjali ad eskluzjoni tal-konvenut bl-applikazzjoni tal-artikolu 55A tal-Kodici Civili (Kap.16 tal-Ligijiet ta’ Malta) u cioe’ “Faith,” Triq id-Dejl, Ghaxaq.

   Bl-ispejjes – komprizi dawk tal-proceduri kollha inkorsi mill-attrici quddiem is-Sekond’Awla tal-Qorti Civili u tal-Mandat ta’ Sekwestru numru 2187/03 u 2105/03 u tal-mandat ta’ inibizzjoni 2104/03 fl-istess ismijiet premessi - kontra l-konvenut ingunt minn issa stess in subizzjoni u b’rizerva ghall kull jedd spettanti lill-attrici li titlob ir-rexissjoni tal-kuntratt ante nuzjali li kopja tieghu hi hawn annessa (Dok. B).

**Rat in-Nota tal-Eccezzjonijiet tal-konvenut li eccepiet:-**

1. Illi assolutament mhux minnu li z-zwieg bejn il-partijiet tkisser minhabba l-allegazzjonijiet fl-ewwel talba attrici.

2. Illi t-tieni talba attrici ghandha tigi respinta, stante li ma tezisti ebda raguni valida fil-ligi ghalfejn l-attrici ghandha jkollha l-kura u kustodja esklussiva, tenut kont illi semmai huwa l-konvenut li huwa kapaci jassumi tali kura u kustodja, kif ser jirrizulta fil-kors tal-kawza.

3. Illi t-tielet talba attrici ghandha tigi michuda in parte, stante li ebda manteniment m' hu dovut lill-attrici, in kwantu din kienet u ghadha impjegata, apparti li tahdem ukoll part-time.

4. Illi ma hemm l-ebda lok ghall-applikazzjoni tal-artikolu 498 u 51 sa 53 tal-Kap. 16 fil-konfront tal-konvenut, stante li, kif taf ben tajjeb l-attrici, ma huwa hati ta' ebda adulterju, abbandun, eccessi jew ragunijiet ohra li jistghu jaghtu lok ghal tali dekadenza u ghalhekk, anke r-raba' talba ghandha tigi respinta.

5. Illi minghajr pregudizzju ghat-tielet eccezzjoni, il-hames talba ghandha tigi michuda stante li l-konvenut mhux f'qaghda la li jhallas somom globali u lanqas li jforni proprjeta' biex jaghmel tajjeb ghall-manteniment, dejjem jekk dan huwa dovut lill-attrici. In ogni caso u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-attrici mhix kapaci tamministra flusha, kif ser jigi ppruvat fil-kors tal-kawza.

6. Illi dwar is-sitt talba attrici m'hemmx kontestazzjoni, salv li dan isir f'waqtu u b'mod reciproku.

7. Illi konsiderando li d-dar matrimonjali hija proprjeta' parafernali tal-konvenut li ilu jghix fiha, u tenut kont il-fatt li l-attrici stess abbandunat id-dar minn jeddha (u ghal ragunijiet li hi biss taf), kif ukoll li l-firda bejn il-partijiet ma kienet bl-ebda mod imputabbli lill-konvenut, izda kagunata biss mill-attrici kif ser jirrizulta, huwa m'ghandux jigi imcahhad milli jkompli jghix fi hwejjgu u ghalhekk anke s-seba' talba ghandha tigi respinta.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha esebiti.

Rat li fit-28 ta' Gunju, 2011 it-Tribunal Metropolitan iddikjara null iz-zwieg bejn il-kontendenti. Din id-decizjoni giet ikkonfermata mit-Tribunal Regjonali tat-Tieni Istanza fis-26 ta' Ottubru, 2012, peress li kienet inghata sentenza mit-Tribunal Ekklesjastiku[1]. L-attrici kienet ukoll ipprocediet quddiem il-Qorti tal-Appell sabiex id-decizjoni tat-Tribunal Ecclesjastiku tigi rikonoxxuta ghall-fini tal-effetti civili kollha taghha.

Rat ukoll illi l-proceduri ta' rexxissjoni tal-kuntratt ante-nuzjali tal-partijiet (680/2007/ MCH gia' 192/2004/NC fl-ismijiet **AB vs CB** gew decizi definittivament, b'mod allura illi gia ladarba l-kuntratt ante-nuzjali tal-kontendenti gie

[1] Ara fol. 778 tal-process.

ddikjarat validu u baqa' in vigore, ma tezisti ebda komunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet. Minhabba f'dan, kulll prova illi tirreferi esklussivament ghall-kwistjonijiet patrimonjali per se ser tigi mwarrba – hlief ghal dak li jista' jirrigwarda l-beni parafernali ta' kull parti, sabiex dawn jigu lilhom assenjati, flimkien ma' kwalunkwe kreditu reciproku pretiz minn parti jew ohra.

In vista ta' dan il-Qorti ordnat illi l-provi kellhom jingabru limitatament biss ghall-pretensjonijiet rigwardanti l-kura u kustodja tal-minuri, access tal-minuri, manteniment tal-minuri.

Ghalhekk dina l-Qorti ser tillimita dina s-sentenza ghal kura u kustodja tal-minuri, l-access kif ukoll il-manteniment ghall-minuri biss stante li l-partijiet ftehmu li jirrinuncjaw ghad-dritt taghhom li jircievu manteniment minghand xulxin.

Il-Qorti pero' tiddeplora u tikkundanna t-tul ta' zmien li hadet din il-kawza, biex fl-ahhar mill-ahhar, il-maggorparti tal-mertu llum jinstab ezawrit. Kawza li bdiet meta t-tfal kellhom sentejn u nofs u sbatax-il xahar rispettivament, illum hmistax-il sena wara, it-tifel C illum huwa maggorenni, filwaqt li t-tifel l-iehor Dghandu sittax-il sena u ghalhekk teenager, li prattikament huwa totalment kapaci jiehu d-decizjonijiet tieghu. Huwa b' sfortuna kbira li dina l-Qorti tinnota li dawn it-tfal qattghu tfulithom bil-genituri jiggieldu l-Qorti, b' konsegwenzi koroh fuq it-tfal. Kien ikun ahjar li kieku b'n aqra buona volonta' kienu jippruvaw jaslu ghall-ftehim bejniethom, mhux issa jhallu f' idejn il-Qorti meta pprattikament ma tantx hemm

mertu fuq xiex jigi deciz. Dan ifisser li mil-lat prattiku, illi hafna mill-kunsiderazzjonijiet dwar l-access, illi kienu tant dibattuti fil-prezenti proceduri, illum ukoll gew sorvolati jew tal-anqas rezi kwazi kwazi akkademici.

Rat id-digriet ta' dina l-Onorabbli Qorti gia' Sekond'Awla datata 16 ta' Marzu, 2004,[2] kif emendat bid-digriet datat 30 ta' Settembru, 2004[3] u kif rega' gie emendat bid-digriet datat 2 ta' Frar, 2005.[4]

Rat li giet nominata Dr. Ramona Frendo bhala perit legali.

Rat ir-Rapport ta' Angie Said ghall-Agenzija Appogg datat 20 ta' Settembru, 2004.[5]

Rat ir-Rapport tal-psikjatra Dr. Anton Grech.[6]

Rat ir-Rapport tal-Perit Legali Dr. Ramona Frendo datat 6 ta' Marzu, 2018.[7]

## FATTI

[2] Ara Dok. a fol. 65 tal-process.
[3] Ara Dok a fol. 84 tal-process.
[4] Ara Dok. a fol. 97 tal-process.
[5] Ara fol.235 tal-process.
[6] Ara fol. 251 tal-process.
[7] Ara fol. 2488 tal-process.

**MANTENIMENT**

1. Il-konvenut ikkonferma li kien jahdem bhala photocopier technician u jopera wahdu taht it-tradename Hi Tech Office Supplies. Ighid li jahdem bil-brands Canon u Olivetti. Kien anke jimporta l-parts minn barra, izda llum kien waqaf.

2. L-attrici tghid li l-konvenut fl-2004 kien jaqla' cirka Lm3,500 fix-xahar, minn kiriiet ta' hanut, xi garaxxijiet u djar. Jiggestixxi ukoll negozju tieghu Hightech Office Supplies minn fejn kien jaqla' cirka Lm4, 000 fix-xahar. Il-konvenut esebixxa l-income tax returns tieghu ghas-snin 2000 sa 2003.[8] Madanakollu, l-attrici tghid li kien jaghtiha biss Lm60 fil-gimgha biex tixtri l-bzonnijiet ta' kuljum ghall-familja, minkejja li l-konvenut kien jaqla' hafna flus minn negozju li kien jiggestixxi. Ma kienx ihobb jonfoq fuqhom, tghid li anke biex tixtri zarbun ghat-tfal kien iridha tixtrih minghand tal-lira u juzawh bejniethom. Kienet titlob lil ommha gieli biex tghinha finanzjarjament.

3. L-attrici kkonfermat li skond digriet tas-16 ta' Marzu, 2004, il-konvenut kien gie ordnat ihallas Lm60 fil-gimgha ghall-minuri u Lm25 fil-gimgha ghall-attrici. Tinsisti li dan huwa minimu meta l-konvenut jaqla' cirka Lm7,000 fix-xahar.

4. B' digriet ta' dina l-Onorabbli Qorti tas-7 ta' Settembru, 2007, gie ordnat li l-konvenut ghandu jhallas l-ispejjes kollha, kontra d-

[8] Ara Dok. CIR 1 – CIR 4 a fol.

debiti rcevuti/invoices, in konnessjoni mas-sahha tal-minuri nkluz spejjes ta’ medicini, tobba u servizzi medici ohra essenzjali ghat-tfal minuri kif ukoll nofs l-ispejjes edukattivi tat-tfal.[9]

L-attrici tispjega li peress li uliedha jattendu l-Inspire, is-servizzi huma bi hlas, ghalkemm huma ssussidjati. L-ispejjes bejn wiehed u iehor huma ta’ €220 ghal kull tifel kull tlett xhur u tghid li dan l-ahhar dawn il-mizati gholew u dan wara li jitnehha l-ammont imhallas permezz tas-sussidju. Tikkonferma li qabel il-konvenut kien ihallas meta jfettilu ghal dawn l-ispejjes, illum ilu ma jhallas pero’ u qed tippretendi li jhallas nofs dawn l-ispejjes.

5. Bhala provi fuq l-introjtu tal-konvenut gew esebiti diversi accounts bejn is-snin 2000 sa 2008[10] u diversi kuntratti ta’ kiri li saru mill-konvenut ma’ terzi.[11]

6. Dwar l-introjtu tal-attrici permezz ta’ nota esebit il-payslip taghha ta’ ghalliema, minn fejn jirrizulta li fl-2010 kienet taqla’ paga ta’ €168.51 kull erba’ gimghat.[12] Skond il-konvenut l-attrici taqla’ €16,690 fis-sena minbarra overtime u l-qliegh minn beauty salon li tiggestixxi mid-dar t’ ommha. Skond Joseph Galea, Assistent Direttur fis-Sezzjoni Salarji u Pensjonijiet fit-Tezor, ikkonferma li l-paga netta taghha kienet ta’ €1,083.70 fix-xahar. Oltre dawn hemm il-bonuses statutorji u €53.25 fix-xahar allowance. Fis-sena 2013 dawn imbaghad imbiddlu, ghax l-attrici kellha paga grossa

[9] Ara fol.455 tal-process.
[10] Ara Doks. ST 1 sa ST 9 a fol.-536-553 tal-process
[11] Ara Doks. ST10 – ST16 a fol. 554 – 575 tal-process.

[12] Ara Dok a fol.599 tal-process.

ta' €19,095 fis-sena u ghalhekk b'introjtu ta' €1468.85 fix-xahar.[13] Tircievi income supplement f' Marzu u Settembru, li jammonta ghal €121.13 kull darba u l-bonuses ta' Gunju u Dicembru illi jammontaw ghal €135.10 kull darba. L-attrici tithallas ukoll l-all-inclusive allowance ta' €46.15 kull erba' gimghat u dan skond il-Ftehim Kollettiv.

7. George Cremona u Saviour Theuma, in rapprezentanza tad-Dipartiment tas-Sigurta' Socjali jispjegaw li l-attrici kienet tircievi beneficcji socjali.[14] Kienet tircievi c-children's allowance ta' €13.46 fil-gimgha ghaz-zewgt itfal u b'zieda maghha d-disabled child allowance li hija ta' €16.31 fil-gimgha.

8. B' digriet tat-30 ta' Settembru, 2014, peress li l-attrici ma kinitx qed topponi li jitwaqqaf il-manteniment fil-konfront taghha, l-istess talba giet ikkonfermata. Fl-istess waqt gie kkonfermat li mal-manteniment li kien qed ihallas il-konvenut lill-minuri, ghandu jizdied l-gholi tal-hajja.

9. Mary Scicluna, in rapprezentanza tad-Dipartiment tal-Edukazzjoni kkonferma li l-attrici tiehu hsieb programm edukattiv mal-Agenzija Sedqa u tahdem mit-Tnejn sal-Gimgha mit-8.00 am sas-2pm.

10. Joseph Anthony Muscat in rapprezentanza tal-APS Bank Limited ikkonferma li l-konvenut kellu erba' kontijiet, li r-rendikonti relattivi taghhom gew immarkati bhala Dok.JAM1 sa Dok. JAM 4 rispettivament:-

---

[13] Ara Dok. FSP 1 u Dok. PP1 – PP 6.
[1414] Ara Doks. GCS 1 – GCS 10.

a) Dok.JAM 1 – kont savings Bonanza li nfetah fl-4 ta' Settembru, 1999 u naghlaq fit-13 ta' Settembru, 2000. Kien hemm *withdrawal by cheque* datat 11 ta' Jannar, 2000 fl-ammont ta' Lm10, 000. Saret ukoll referenza ghal *cheque withdrawal* tal-25 ta' Awissu, 2000 fl-ammont ta' Lm15,450;
b) Dok. JAM 2 – term deposit li nfetah minghajr ebda depositu u qatt ma ntuza.
c) Dok, JAM 3 – savings account f'isem il-konvenut "trading as Hightech Office Supplies."
d) Dok. JAM 4 – term deposit li nfetah fit-18 ta' Mejju, 2000 u naghlaq fid-19 ta' Awissu, 2000. L-ammont bilancjali indikat f' Dokument JAM 3 gie ddepositat fil-kont indikat Dokument JAM 4.

11. Marie Therese sive Marthese Busuttil, in rapprezentanza tal-Bank of Valletta plc. ikkonfermat illi sabet tlett kontijiet li r-rendikonti kompluti taghhom gew esebiti.[15] B'referenza ghad-dokument MB 1 ix-xhud esebit diversi *cheque images* ta' diversi ammonti.[16]

12. Christopher Saliba, direttur in rapprezentanza ta' Calamatta Cuschieri and Co stqarr illi s-socjeta' kient irceviet cekk datat 10 ta' Dicembru, 2001 u dan kien jirrapprezenta kapital illi ntuza' sabiex jinxtara Treasury Bill tal-Gvern ta' Malta, li kien jimmatura wara tlett xhur. Meta mmatura l-konvenut kien ircieva n-nominal value ta' Lm40,000.

    Ighid ukoll li l-ammont ma kienx gie riinvestit maghhom. Ma kienx jaf jekk dan it-Treasury Bill kienx gie likwidat.

[15] Ara Doks. MB 1 – MB 3
[16] Ara Doks. MB4-MBT 9.

Kien hemm ukoll Treasury Bill iehor li kellu valur nominali ta' Lm17,000 u kien investiment li sar f'isem l-attrici. Ukoll ma setax jikkonferma jekk il-kont kienx gie likwidat.

13. Deborah Gatt, in rapprezentanza ta' HSBC Global Asset Management (MaltaL Ltd. u HSBC Securities Services (Malta) Ltd. sabet investiment wiehed f'isem il-konvenut ossia Malta Government Bond Fund bil-kont numru 101 AB 0073514601. Meta nfetah fil-21 ta' Lulju, 2006, kien hemm investiment ta' €7, 392.30, li mbaghad zdied b'€6, 988.12 u l-ammont li ha l-investitur meta naghlaq kien ta' €14, 472.45.[17]

**KURA U KUSTODJA**

1.Il-konvenut, skond l-attrici kien aggressiv fil-komportament mat-tifel Matthew u dan sa minn meta kien ghadu zghir. It-tifel tant kien trabba hekk li kien jibda jwaddab kulma jigi ghal idejh jekk kemm il-darba ma kienx jiehu dak li jrid. Kien ighajjat hafna mieghu u kien itih anke bil-ponn. L-attrici ssemmi ukoll li ma kinitx prezenti meta l-konvenut kien tah daqqa ta' harta lill-minuri C. Tghid li t-tifel kien beka hafna meta qalilha li kien sawtu l-konvenut ghax kien tiliflu xi haga fil-bahar.

2. L-attrici tispjega li l-konvenut kien ammetta maghha li ma kienx kapaci jiehu hsieb it-tfal flimkien wahdu u anke meta kienet thallilhu tifel wiehed wahdu, lanqas ma kien jaghti kashom. Kien anke jiehu lit-tifel C meta kien ghad ghandu sentejn, ghall-kacca mieghu, anke

[17] Ara Dok. DGS 1

jekk kienet topponi ghal dan. L-attrici tichad li kienet tinsisti mal-konvenut li jekk inehhi l-kuntratt tas-separazzjoni tal-beni kienet ser tmur lura d-dar.

3. L-attrici tikkonferma li wara li telqet mid-dar matrimonjali f' Novembru, 2003, kienet marret Dar Merhba Bik u mbaghad il-Qorti kienet fdatha bil-kura u kustodja tal-minuri u marru jghixu mal-genituri taghha.

   Meta telqet mid-dar C kellu sentejn u kien fuq ruhu hafna, tant meta l-konvenut kien jibda' jghajjat mieghu, kien jaghmel wiccu go wicc it-tifel, jew anke jhezzu biex jobdi. Din kienet haga li kienet tigri darba fil. Tghid li kienet tiddiskuti mal-konvenut li dan ma kienx il-mod kif tikkoregi t-tifel.

   L-attrici tispjega li l-konvenut kien sar periklu ghat-tfal, in partikolari wara li kien wegga' lit-tifel C fl-okkazzjoni fl-gheluq l-10 snin tieghu. Kellha taghmillu l-punti f'subghajh u t-tifel kellu hafna tbengil.[18] Ma tichadx li ttiehdu proceduri kriminali kontra l-konvenut fuq dan l-incident, izda kien gie lliberat, pero' tghid li dan ma jfissirx li dak li qal it-tifel Matthew ma sarx.

   L-attrici tikkonferma li llum C ma jridx ikellem lil missieru u tichad li jmur isaqsi permess minghandha sabiex ikellem lil missieru, ibusu jew jaccetta xi flus minghandu.

4. L-attrici tispjega fuq incident li sehh fil-Grizma ta' C, fejn kienet insistiet mieghu biex jiehu ritratt ma' missieru. L-attrici tghid li kienet hadet video

[18] Ara Dok. DS 17 a fol.

hi. C ma riedx jiehu ritratt u missier il-konvenut beda jaghmel l-istorbju minhabba f'hekk.

Fl-20 ta' Gunju, 2013 kien inqala' incident minhabba li waqt sezzjoni ma' Dr. Veronica Ellul, il-konvenut baqa' jinsisti li ried jiehu ritratt ta' Matthew, li spicca kellu xi jghid ma' missieru. C imbaghad hareg 'l barra u l-konvenut tilifha, anke mal-istess Ellul.

5. Il-konvenut jiddeskrivi lill-attrici bhala persuna rresponsabbli u mmatura, tant li kienet titma' lit-tfal hafna *fast food* u ikel mhux tajjeb ghal sahhithom. Dan huwa kkonfermat minn missier il-konvenut EB , kif ukoll minn ommu FB.

6. Kienet tghid li dan kien minhabba li ma tantx kien ikollha cans biex issajjar, izda mbaghad skond il-konvenut kien ikollha cans biex tmur il-gym u ghat-trattamenti tad-dieta ghand Marion Mizzi.

   Skond il-konvenut kienet anke traskurata ghal dak li kien jirrigwarda s-sahha ta' uliedhom. Dr. Maria Sciberras mill-Primary Health Care kienet wissietha biex tlaqqam lit-tfal. Kien hemm okkazzjoni meta t-tifel Matthew kellu bronkite u webbset rasha li terga' tohorgu f'Jannar meta kien hafna bard u kien rega' rkada u spicca l-isptar. Kien hemm okkazzjoni ohra meta fis-sena 2004, D kellu problemi respiratorji, peress li l-attrici ma kinitx qed taghti kaz, kien hadu ghand Dr. Eugenio Azzopardi li kien ikkonferma li ma kienx jiflah.

Peress li t-tifel minuri D dam ma jitkellem, il-konvenut kien irregistrah mal-Eden Foundation u wara kienet ghamlet hekk l-attrici.[19] D kien beda jitkellem meta kollha seba' snin.[20]

L-attrici tistqarr li uliedhom imorru l-Inspire. D isegwi l-programm FACES minhabba autism u jara ukoll Occupational therapist, l-Inspire stess.

C isewgi programm L.A.N.E.S minhabba dyslexia. C ilu jmur xi tmien snin, kif ukoll D.

7. Il-konvenut ighid li l-attrici kienet iggielded mal-Appogg peress li allegat li l-konvenut tahom xi flus biex hargu bir-rakkomandazzjoni li l-kura u kustodja tkun kongunta u t-tfal ikollhom dritt li jorqdu ghandhom.[21]

8. Joyce Mifsud social worker kienet segwit dan il-kaz ghal xi sitt xhur. Isostni li meta kienet tiehu hsieb is-supervised visits, dawn kienu sejrin tajjeb, u eventwalment kienu twaqqfu u l-access beda jsir minghajr supervizjoni. Dan sar fuq rakkomandazzjoni tas-social worker li kienet qed tahdem fuq is-supervised access visits. Izid tghid ukoll li fil-perjodu li kienet involuta hi, kien hemm digriet tal-Qorti sabiex isir monitoring u dan kien sar mis-social worker Nathalie Swain Nwoko.

[19] Ara Dok. DS 14 a fol.
[20] Ara Dok. DS 16 a fol.
[21] Ara Dok.DS 22 u DS33 a fol

Tispjega li r-rakkomandazzjonijiet taghha kienu differenti minn dawk ta' Therese Micallef u Angie Said peress li t-tfal kellhom agir u mod differenti. It-tfal ikunu ghaddejjin minn certa trawma u diffikultajiet minhabba s-separazzjoni u dan affettwa l-agir taghhom. Kienet issuggerit child psychologist peress li minhabba play therapy, it-tfal ikunu jistghu aktar jifhmu s-sitwazzjoni li minnha kienet ghaddejja l-familja taghhom. Tghid li s-social worker kienet irrapportatilha li b'mod generali, it-tfal kellhom rabja u ansjeta'.

Dwar sleepovers mal-missier, tghid li ma kinitx favurihom ghalissa peress li, minkejja li hemm relazzjoni tajba bejn it-tfal u missierhom, it-tfal ghandhom bzonn rutina u stabbilita' u m'ghandux ikun hemm tibdil sakemm jaraw li t-tfal ser ikunu ahjar milli qedghin, ghax altrimenti jkollhom l-ansjeta'.

Dwar l-allegazzjoni li l-attrici kienet qed idahhal irgiel god-dar, tirrispondi li ma kinux jaghmlu rakkomandazzjonjijiet dwar allegazzjonijiet.

9. Nathalie Swain Nwoko, kienet tahdem mal-Agenzija Appogg u kienet taghmel xoghol ta' monitoring, billi ssegwi lill-genituri u thares l-interessi tal-minuri. Tghid li kienet bdiet l-inkarigu wara li t-tfal kienu gew ezaminati minn Dottor Sharon Vella Camilleri u spiccat l-impjieg mal-Agenzija Appogg lejn l-ahhar ta' Dicembru, 2005. Tghid li f'dan iz-zmien li kienet qed isegwi l-minuri, il-kura u kustodja kienet f'idejn l-attrici u l-konvenut kellu access darbtejn fil-gimgha u f'weekends alternattivi.

Fuq il-konvenut, tghid li ma kinitx rat xejn hazin mill-aspett ta' *parenting*. Huwa missier tajjeb li kien jiehu hsieb lit-tfal. Kien allega li skond recordings li kellu mat-tifel, l-attrici kienet qed idahhal ragel iehor id-dar. Ix-xhud tghid li ma setghetx tikkonferma jekk hux minnu jew le peress li hi tavzahom qabel ma tmur izzurhom fid-dar taghhom, Kienet taf li l-attrici kienet torqod ma' uliedha fl-istess kamra.

Kienet tal-opinjoni li *joint parenting* kien pass kbir ghat-tfal u kien ahjar li qabel ma jsehh it-tfal ikollhom access ghall-child psychologist sabiex ikun jista' jiddetermina jekk it-tfal humiex lesti ghal dan il-pass u jekk le jlestihom ghal dan il-pass. Kienet ipproponiet hekk peress li hasset li C kien aggressiv u anjuz u kien jidher li kien hemm nuqqas ta' komunikazzjoni bejn il-partijiet. *Joint parenting* ma kinitx ideja tajba peress li hasset li titharbtilhom ir-rutina, l-istabbilita' u l-affarijiet l-ohra u iktar kienet ser tinholqilhom ansjeta', li jista' jkun ta' aktar dannu. Ma kinitx qattghet bizzejjed hin mal-minuri C sabiex tikkonkludi x'kien qed jikkagunalu l-ansjeta' u l-aggressivita'. Tikkonferma ukoll li jista' jkun il-kaz li dan kien gej minhabba l-minuri jkun ra atti ta' vjolenza li jsehhu fil-presenza tieghu.

Ix-xhud tispjega ukoll biex *joint parenting* jahdem irid ikun hemm djalogu u rispett reciproku bejn iz-zewg genituri.

10. Il-Psikologu Dr. Anton Grech ighid li kien gie nkarigat minhabba allegazzjonijiet mit-tifel C li kien ra xeni ta' aggressjoni minn missieru. Kellu jiddetermina jekk kienx hemm impatt fuq it-tifel minuri, filwaqt kellu jezamina ukoll l-istat mentali tal-partijiet.

Jispjega li l-access ghat-tifel C kien limitat ghaliex l-attrici kienet qed topponi li t-tifel jerga' iigi ezaminat. Ighid ukoll li minhabba li l-partijiet ma kinux jaqblu meta bdew jitkellmu fuq xulxin, kien ezaminahom u kkonferma li ma kienx hemm mard mentali serju li kellu bzonn trattament psikjatriku u dan ma jesludix li xi hadd minnhom kien ikun vjolenti waqt ir-relazzjoni.

Meta ra lil C ma' missieru nduna li kien hemm *attachment* tajjeb u t-tifel kien *safe*. Ighid li ma jirrizultalux li l-konvenut kien ha xi terapija minhabba vjolenza. Ma setax jara kif il-konvenut kien vjolenti, pero' b'danakollu ma setax jeskludi li t-tifel kien ra lill-konvenut ikun vjolenti mal-attrici. Dwar C ighid li kellu sintomi li kien xhud ta' vjolenza, izda ma rrizultalux min kien vjolenti, Madanakollu, rrizultalu li Matthew kien *adjusted* u ma kellux bzonn ta' aktar terapija.

Ikkonkluda li l-ġenituri tat-tifel, it-tnejn ihobbuh u l-kura u kustodja konguntiva tkun l-ahjar haga ghat-tfal, Ma kienx konsapevoli li kien qed jintalab access taht supervizjoni, izda hoss li dan ikun sinifikanti. Dwar *sleepovers* kien ta' l-opinjoni li dan kellu jsir gradwalment.

11. Dr. Eugenio Azzopardi, tabib tal-familja Spiteri kkonferma li kien hemm okkazzjoni fejn it-tifel minuri D kellu biss tlett gimghat u kien rah peress li kien naqas mill-piz. Irrizulta li l-attrici kienet fuq dieta u ma kinitx qed tipproduci bizzejjed halib, Dan huwa michud mill-attrici, li tghid li kellha nuqqas ta' halib minhabba li kienet ghaddejja minn problemi ta' stress.

Jikkonferma li kien jara li l-partijiet it-tnejn kienu jhobbu lit-tfal u kienu jinteressaw ruhhom fihom. Cahad li qatt ra lil C ikun vjolenti jew juri sinjali ta' vjolenza. Ighid li jafu bhala tifel kuntent u ferhan. Jikkonferma li qatt ma ra tbengil fuq it-tfal u l-attrici qatt ma lmentat mieghu li t-tfal gew imsawwtin minn missierhom.

12. Angie Said, illi damet tahdem fuq il-kaz sitt xhur irrakkomandat illi:-

a) Il-konvenut ikollu access ghal uliedu minghajr supervizjoni, inkluz sleepover kull weekend alternattiv;
b) Il-kura u kustodja tkun kongunta.

13. Therese Micallef, li hadmet fuq il-kaz ghal disa' xhur ohra rrakkomandat illi:-

a) L-access tal-missier isir minghajr supervizjoni u jkun hemm sleepover;
b) Jekk intilef xi hin tal-access, ikun hemm certifikati medici, biex dak il-hin jinghata darb'ohra.
c) Kien hemm relazzjoni tajba u pozittiva bejn il-missier u l-minuri, ghalkemm hemm xi dizgwid bejn il-genituri. B' danakollu peress illi l-minuri huwa importanti ghaz-zewg genituri, kien hemm il-possibilita' illi l-genituri jaslu ghad-decizjonijiet flimkien dwar l-interess tat-tfal taghhom.

14. L- Agenzija Appogg ipprezentat nota fl-20 ta' Lulju, 2012, fejn irrakkomandat li l-minuri C ghandu jkollu access limitat mal-konvenut ghal-laqghat terapewtici u dan ghaliex irrizulta li kien hemm kwistjonijiet li kienu qedghin jaffettwaw ir-relazzjoni tal-

minuri ma' missieru, li ma setghux jigu ndirizzati waqt l-access taht supervizjoni.

Ghal dak li jirrigwarda l-minuri D, gie rrakkomandat li l-access taht supervizjoni jigi ezercitat barra mill-bini tal-Appogg. Gie rrakkomandat ukoll li dan l-arrangjament kellu jigi rivedut wara tlett xhur.[22]

15. B' nota ohra datata 19 ta' Frar, 2013, l-Agenzija Appogg tennet li l-fatt li l-access qed isir barra mill-Appogg irrizulta ta' gid ghall-minuri. Ziedet tghid ukoll li l-genituri kienu qedghin jikkooperaw mal-haddiema socjali. Gie rrakkomandat ukoll li l-missier jibqa' jattendi b'mod regolari ghas-sessjonijiet ta' terapija kemm flimkien ma' ibnu Matthew, kif ukoll individwalment.

16. Ingrid Vassallo, social worker li tikkoordina l-access tat-tfal minuri ma' missierhom il-konvenut. Spjegat li l-access jigi ezercitat darbtejn fil-gimgha barra mill-Appogg. Ikun hemm prezenti supervisors mill-Appogg u dawn jirrelataw kull darba u minn naha taghha tinforma l-Qorti.

Qablet li minn mindu l-access kien qed jigi ezercitat barra l-Appogg, ir-relazzjoni bejn il-minuri C u l-konvenut kienet anqas "restrained." C kien sensittiv u kien jiehu ghalih u kien hemm drabi fejn waqt l-access kien jitlaq 'l barra u jmur hdejn ommu. Il-konvenut kien gie imwissi biex ma juzax kliem iebes kontra l-attrici quddiem it-tfal, ghax dan kien iwegga' lil C. L-istess kien gara meta C kien prezenti waqt argument bejn il-konvenut u n-nanna paterna u l-istess konvenut kien irrabja b'mod eccessiv.

---

[22] Ara nota a fol.762 ta-process.

Ikkonfermat ukoll li fuq rapport tas-social workers l-ohra, irrizulta li l-konvenut kellu senter tal-kacca u kienu talbuh biex inehhih. Kellu ukoll idahhal is-securities necessarji fuq il-laptop peress li t-tifel minuri Csab xi pop-ups ta' siti pornografici.

Tispjega li l-minuri C, flimkien mal-konvenut kienu qed jattendu sezzjonjiet ta' terapija flimkien, u dan qed ikun ta' beneficcju ghar-relazzjoni taghhom.

17. B' digriet tat-22 ta' Mejju, 2013, il-Qorti ordnat varjazzjoni fl-access fis-sens li l-access jigi ezercitat kull nhar ta' Hamis u l-Gimgha bejn it-3.30 pm u s-6.30 pm, u minflok taht supervizjoni, ikun hemm "monitoring" da parti tal-Agenzija Appogg, filwaqt li jkomplu ghaddejjin is-sezzjonjiet tat-terapija.[23]

18. Dr. Veronica Ellul tikkonferma li kienu qed isiru s-sezzjonijiet tat-terapija quddiemha bejn il-konvenut u l-minuri C. Tghid li l-konvenut kien ihobb jeduka lit-tfal u kien xi kultant ikun insistenti wisq u minhabba f'hekk peress li C ma setax jifhimha din il-haga kien jissupervja u b'hekk kien jinholoq kunflitt bejniethom.

Minn dawn is-sessjonijiet jirrizulta li r-relazzjonijiet tjiebet, tant li Matthew talab li jinghata aktar hin ma' missieru, minghajr supervizjoni, izda kien ikun opportun li jkun hemm monitoring. F' dan iz-zmien it-tifel C kellu hdax-il sena.

In segwitu ghal dan kien hemm nota tal-Agenzija Appogg, fejn iddecidew li jwaqqfu l-monitoring minhabba incident li sehh fil-21 ta'

[23] Ara fol. 886 tal-process.

Gunju, 2013 u t-tifel C kien imbezza' hafna ghax missieru beda jirrabbja u jghajjat.

19. Mrs.Carmen Sammut, Psikologa Klinika pprezentat ir-rakkomandazzjonijiet taghha fir-rapport datata 27 ta' Marzu, 2014, fejn tenniet li l-konvenut ghandu jerfa' r-responsabbilitajiet tieghu ta' missier u jmur ghall-ghajnuna professjonali dwar kif jista' jkun missier iktar effettiv u sabiex jifhem aktar il-bzonnijiet ta' uliedu b'mod iktar effettiv. [24]

20. L-Agenzija Appogg reggghet ipprezentat nota fejn irrakkomandat li bejn il-konvenut u Matthew ghandu jigi sospiz l-access u dan minhabba l-posizzjoni li ha Matthew li ma jarax lil missieru, filwaqt li l-access tal-konvenut ghall-minuri D ma kellux ghalfejn jibqa' taht supervizjoni. B'digriet ta' dina l-Onorabbli Qorti datat 20 ta' Mejju, 2014, gie ordnat li l-access ikun monitored.

21. Lea Camilleri, supervisor mal-Agenzija Appogg spjegat li hi kienet tiehu hsieb is-*supervised access* bejn Settembru 2013 sa Frar, 2014. Tikkonferma li l-hinjiet tal-access ma kinux fl-istess hin u kien individwali. Pero' t-tifel minuri C ma kienx irid jattendi ghal dan l-access u kien joqghod jistenna barra m'ommu l-attrici. Meta missieru kien isaqsih jekk kienx ghamilu xi haga kien ighid li le. Rigward il-minuri D l-access kien jinzamm regolarment. FB, omm il-konvenut tikkonferma li lil D jarawh xi darbtejn gimgha u tikkonferma li ghandu relazzjoni tajba ma' missieru, tant li jaghmlu hafna attivitajiet flimkien.

[24] Ara rapport a fol. 929 tal-process.

22. B’digriet ta’ dina l-Onorabbli Qorti datat 27 ta’ Gunju, 2014 gie ordnat li l-monitoring waqt l-access kellu jitnehha.

23. Giet ezaminata ukoll ix-xhieda ta’ Anne Cachia u Carol Ellul ai finijiet tal-access u kura u kustodja.

**<u>OGGETTI PARAFERNALI</u>**

1. L-attrici telenka s-segwenti bhala oggetti parafernali:-

i) Karozza Maruti
ii) Kontijiet bankarji mal-APS Bank plc. u mal-Bank of Valletta fl-ammont ta’ Lm6,000;
iii) Oggetti tad-deheb bhall-arlogg, erba’ crieket, zewg pari msielet u zewg gizirajjen,;
iv) Mobbli – xi ghamara, appliances, hi-fi, computer, dota, ornamenti tal-antik.

Tghid li kollox ghadu ghand il-konvenut.

2. L-attrici kienet sellfet lill-konvenut €3,000 biex jixtri d-dar f’Hal Ghaxaq. Hi tinsisti li l-konvenut ma kienx hallasha. Il-konvenut jinsisti li kien salda dan il-kreditu billi kien ghaddielha elf share tal-Maltacom li kien xtara bi Lm3 ghal kull share u jinsisti li l-attrici kienet ikkonfermat dan. Peress illi jidher li l-konvenut kien iktar konvincenti f’dan ir-rigward dina l-Qorti mhix se tikkonferma li l-ammont ta’ €3000 ghandhu jithallsu lill-konvenut.

## KOMUNJONI TAL-AKKWISTI

24. L-attrici tirrikonoxxi li kienet iffirmat is-separazzjoni tal-beni[25] u kienet fethet kawza sabiex tirrixindi dan il-kuntratt minhabba ssostni li kienet iffirmat taht qerq u errore in substantia.

25. Fiz-zwieg, l-attrici tikkonferma li kienu xtraw is-segwenti proprjetajiet:-

a) Id-dar matrimonjali: Faith, Triq id-Dejl, Ghaxaq ( flimkien mal-garaxx|);
b) Dar f' Victory Street, Qormi (flimkien mal-garaxx);
c) Karozza second hand ta' tip Ford Fiesta, numru ta' registrazzjoni EBD 484;
d) Ghamara: salott, bookcase, chest of drawers, zewgt ikmamar tas-sodda, tv, cabinet.
e) Oggetti ornamentali bhal mera kbira mdendla mal-hajt, tapit tal-kamra tas-sodda, erba' linef, mera tal-kamra tal-banju, inkwatri, qsari, xi ornamenti ohra u soft furnishings;
f) Satellita, television, dvd player, zewg air conditioners

26. Bhala provi fuq l-introjtu tal-konvenut gew esebiti diversi accounts bejn is-snin 2000 sa 2008[26] u diversi kuntratti ta' kiri li saru mill-konvenut ma' terzi.[27] Il-konvenut jikkonferma li jikri diversi proprjetajiet lil terzi u huma s-segwenti:-

---

[25] Ara kuntratt a fol.531 tal-process
[26] Ara Doks. ST 1 sa ST 9 a fol.536-553 tal-process
[27] Ara Doks. ST10 – ST16 a fol. 554 – 575 tal-process

i) Hanut numru 18, Strada Zakkarija, il-Belt b'kera ta' Lm99 kuljum, qabel it-taxxa ta' 35%;

ii) Post Bugibba "Lelton House, Triq il-Progress;

iii) 143, Victory Str, Qormi b'kera ta' Lm65 fix-xahar. Il-konvenut ighid li kien xtara dan il-post minghajr self;

iv) Flat l-Imsida

v) Tlett garaxxijiet lkoll mikrijin, wiehed parti mid-dar ta' Hal Qormi u z-zewg garaxxijiet l-ohra jinsabu f' Bugia;

Dwar id-dar matrimonjali "Faith," Triq id-Dejl, Ghaxaq, il-konvenut ighid li xtraha f'ismu wara z-zwieg u hallasha kollha hu ghax kellu s-separazzjoni tal-beni.

27. Dwar l-introjtu tal-attrici permezz ta' nota, esebit il-payslip taghha ta' ghalliema, minn fejn jirrizulta li fl-2010 kienet taqla' paga ta' €1368.51 kull erba' gimghat.[28]

28. Rat l-verbal tas-seduta tat-22 ta' Jannar, 2015 fejn gie ddikjarat mill-partijiet illi jaqblu li z-zwieg ta' bejniethom tkisser minghajr ma jigi mputat tort fuq l-ebda parti. Qablu ukoll illi kull parti qed tirrinunzja ghal kwalunkwe dritt ta' manteniment.[29]

**KONSIDERAZZJONIJIET**

Illi kif diga' inghad minn dina l-Onorabbli Qorti, dina s-sentenza hija limitata biss ghal dak li jirrigwarda l-kura u kustodja tal-minuri D, l-access ghall-istess minuri, kif ukoll il-manteniment.

[28] Ara Dok a fol.599 tal-process.

[29] Ara fol. 250 tal-process.

Rigward ir-responsabbilita' dina diga' giet sorvolata in vista tal-proceduri ta' annullament li saru quddiem it-Tribunal Ekklesjastiku u minkejja li dan gie ammess mill-partijiet, l-avukat tal-konvenut ripetutament tella' diversi xhieda biex jipprova jitfa' dawl ikrah fuq l-attrici u dan bl-uniku skop biex itawwal dawn il-proceduri, aktar milli kien mehtieg u mhux biex juri l-kredibbilita' tal-attrici kif sostna hu u kif gibbdiltlu l-attenzjoni kemm il-darba l-avukata li kienet qed tippatrocinja lill-attrici.

Dina l-Onorabbli Qorti taqbel perfettament ma' dak li ssottomettiet il-Perit Legali Dr. Ramona Frendo fir-rapport redatt minnha:-

***"Il-qari ta' dan il-process voluminuz, jew imqar ta' dan is-sunt li hejjiet l-esponenti ta' dak li hija ftit mix-xhieda illi effettivament ingabet f'dawn il-proceduri, huwa verdett ferm ikrah. Jitfa' ukoll dawl fuq is-sistema gudizzjarja taghna illi, bl-intenzjonijiet kollha tajba tad-dinja, jipprovdi varji mezzi intizi sabiex verament jigu tutelati d-drittijiet mhux biss tal-partijiet, izda partikolarment l-ahjar interess tal-minuri – izda illi effettivament jista' jigi utilizzat – u abbuzat – sabiex jottjeni proprju l-kuntrarju. Bhas-sikkina illi tintuza biex toqtol."***[30]

**ACCESS**

Sa mis-sena 2004, il-partijiet tant kienu assorbiti f'dina l-glieda u taqtigha bejniethom li lanqas irrealizzaw it-trapass taz-zmien u li t-

[30] Ara fol, 2641 tal-process.

tfal kibru ferm, tant li Matthew illum huwa maggorenni u b'dieqa kbira dina l-Qorti thoss li minn tfulithom dawn it-tfal ser jiftakkru biss li l-genituri taghhom kienu l-Qorti jitqatlu bejniethom.

Dina l-Qorti tiddeplora ukoll l-agir tal-partijiet li njoraw ir-rakkomandazzjonijiet tad-diversi esperti li gew inkarigati minn dina l-Qorti u l-Appogg, billi janalizzaw is-sitwazzjoni familjari u jirrakkomandaw x'kellu jsir fl-ahjar interess tal-minuri. Izda, le! Il-partijiet ippreferew iwebbsu rashom u komplew jabbuzaw mis-sistema gudizzjarja minflok segwew it-terapija li kienet mehtiega. Anzi, minflok ikkooperaw maghhom, l-attrici kwazi xehtet il-htija fuq l-avukati li kienu jirrapprezentawha u l-konvenut sahansitra spicca li kien anke aggressiv ma' diversi rapprezentanti tal-Appogg, kif ukoll ma' Dr. Veronica Ellul.

Dina l-Qorti, ghalhekk mhix se tikkunsidra l-access ghat-tifel C li llum sar maggorenni u ilu zmien twil jirrifjuta li jara lil missieru, wara l-incident li sehh f'Gunju, 2013. Illum realistikament, hadd ma jista' jikkmanda d-decizjonijiet u l-ghazliet ta' zaghzugh maggorenni. Sfortunatament, ir-relazzjoni ma kinitx hazin fil-bidu tal-proceduri, izda maz-zmien tbiddlet la t-tifel beda jitfarfar. Bla ebda dubbju, l-attrici ghamlet il-parti taghha biex tirrovina dina r-relazzjoni u dina l-Qorti m'ghandha l-icken dubju li influenzat lil C, li anke f' mumenti d-diskors tieghu ma kienx jirrifletti kliem ta' tifel minuri.

Huwa bi dispjacir li dina l-Qorti jkollha tametti li l-hsara saret u hemm ftit wisq x'tista' taghmel biex issalva dina r-relazzjoni, pero' dina l-Onorabbli Qorti taqbel ma' dak propost mill-Perit Legali Dr. Ramona Frendo u ser tirrakkomanda "***bl-aktar mod qawwi lill-attrici sabiex,***

***ghall-gid ta' binha, tinkoraggih illi jaghmel terapija sistemika familjari – anke mal-konvenut missier – sabiex jerga' jkollu lil missieru f'hajtu. Dan skond id-diversi rakkomandazzjonijiet ta' diversi esperti f'dan il-kaz, inkluz, l-aktar ricentement, Dottor Veronica Ellul espert di xelta tal-attrici, u Carmen Sammut nominata minn dina l-Onorabbli Qorti."***[31]

**D**

Dwar il-minuri D, mill-provi jirrizulta li hu ghandu relazzjoni ahjar ma' missieru. It-tifel ghandu l-problemi tieghu tal-awtizmu, izda ma kellux problemi jintegra mal-konvenut. Mix-xhieda tal-esperti u partikolarment dik ta' Carmen Sammut, psikologa klinika, jidher illi m'hemm l-ebda raguni ghaliex ir-relazzjoni bejn il-konvenut u dan ibnu z-zghir, m'ghandhiex tigi normalizzata.

Ghandu jittiehed in konsiderazzjoni ukoll, li dan it-tifel illum ghadu minuri, izda f'cirka sena jsir maggorenni ukoll. Ghalhekk, dina l-Qorti hija obbligata li tiffissa granet u hinijiet ta' access, izda l-konvenut irid jirrealizza ukoll li l-minuri llum ghandu l-eta' tieghu u l-impenji tieghu bhala *teenager* li jiehu gost iqatta' hin ma' hbiebu ukoll. Ghalhekk dina l-Qorti tappella lill-konvenut biex ikun flessibbli fil-granet u l-hinijiet li qed jigu decizi minnha.

Ghalhekk, tiddeciedi li l-access ta' tlett sieghat darbtejn fil-gimgha u sleepover darba fil-weekend kif qed jigi propost mill-Perit Legali huwa rakkomandabbli f'dan l-istadju. Huwa rrakkomandat ukoll li l-

[31] Ara fol.2645 tal-process.

minuri jkollu hin ma' missieru l-konvenut anke fil-granet tal-festi, f'gheluq snienhom u f 'jum il-Missier.

**KURA U KUSTODJA**

F'din il-kawza, jirrizulta li t-tfal ilhom fil-kura u kustodja tal-attrici. Fil-mori tal-proceduri kien hemm diversi esperti involuti li taw ir-rakkomandazzjonijiet taghhom. Is-social worker Nathalie Swain Nwoko kienet favur *joint parenting,* izda ssuggerit li dan ghandu jsir gradwalment ghaliex f'dak iz-zmien il-minuri kellhom hafna rabja u aggressjoni fihom u kien ikun aktar ta' pregudizzju ghalihom milli ta' gid. Anzi biex dan jitwettaq hasset li l-ahjar it-tfal jigu ppreparati minn child psychologist.

Illum ghadda hafna zmien minn meta saru dawn ir-rakkomandazzjonijet u saru hafna tibdiliet. Minhabba incident li sehh f' Gunju, 2013, C, kif diga' nghad, irrifjuta li jara lil missieru aktar. Ghalhekk, illum li sar maggorenni, l-kwistjoni tal-kura u kustodja fil-konfront tieghu giet sorvolata. Jibqa' biss min ghandu jigi fdat bil-kura u kustodja tal-minuri D .

Dina l-Onorabbli Qorti thoss li dan it-tifel diga' ghadda minn hafna u minkejja kollox ghandu sens ta' rutina f'hajtu. Ikun ta' detriment ghalih jekk kellu jkun hemm kura u kustodja konguntiva. Ghalhekk dina l-Onorabbli Qorti, taqbel ma' dak propost mill-perit legali Dr. Ramona Frendo li l-kura u kustodja ghandha tigi fdata f'idejn l-attrici, filwaqt il-konvenut *qua* missier ghandhu jkun ko-partecipi f'hajjet uliedu ghal dak li jirrigwarda kull decizjoni importanti li tittiehed dwar is-sahha u l-edukazzjoni tal-minuri, kif ukoll ghandu jkollu

ukoll id-dritt li jitlob u jottjeni informazzjoni kollha riferibbilment ghall-minuri minghand l-awtoritajiet edukattivi u tas-sahha.

Il-perit legali ukoll issuggerit illi ghal dak li jirrigwarda l-ivvjaggar, m'ghandux jinhareg passaport ghall-minuri, kif ukoll ma jsir ebda safar, minghajr il-kunsens preventiv taz-zewg genituri.

**MANTENIMENT**

Il-partijiet qablu li m'ghandux ikun hemm hlas ta' alimenti ghall-attrici, li tahdem. It-talbiet ghalhekk jikkoncernaw biss l-alimenti ghall-minuri D u C, illum maggorenni, izda intitolat ghal manteniment jekk kemm il-darba jistudja full-time.

Gie stabbilit li l-attrici tircievi introjtu ta' €19, 905 mix-xoghol taghha ta' ghalliema. Tircievi ukoll il-bonuses, children's allowance u disabled child allowance Dawn il-hlasijiet jammontaw ghal €1550 fix-xahar.

Dwar il-konvenut gie stabbilit, li kien jiggestixxi negozju li jisservisjaw photocopiers taht l-isem Hi-Tech Office Supplies, izda mbaghad peress li naqas ix-xoghol minhabba zviluppi digitali fuq il-photocopiers, beda jikri diversi appartamenti u jdahhal il-kera minn hemm.

Dina l-Qorti taqbel mal-perit legali li l-attrici naqset li tipprova b'mod konkret l-introjtu tal-konvenut, izda meta jigi kkalkulat li huwa sid ta' diversi proprjetajiet u l-kera li jdahhal minnhom, huwa evidenti li l-introjtu tieghu jeccedi dak tal-attrici. Jibqa' l-fatt ukoll li l-attrici

ghandha ukoll tikkontribwixxi ghall-minuri u l-bzonnijiet tat-tifel Matthew peress li ghandha l-introjtu taghha.

In vista ta' dan kollu u tenut kont ukoll li l-attrici qed tigi fdata bil-kura u kustodja ta' D, taqbel li l-ammont irrakkomandat mill-perit legali Dr. Ramona Frendo, ta' €325 fix-xahar ghal kull wild huwa ragjonevoli. Dan il-manteniment ghandu jibqa' jithallas sakemm il-minuri jibdew jahdmu jew ighalqu tmintax-il sena jew jekk qed jistudjaw u mhumiex impjegati full-time ai termini tal-Artikolu 3B (2) tal-Kodici Civili, il-manteniment jibqa' jithallas sakemm it-tfal ighalqu 23 sena.

Il-manteniment ghandu jithallas permezz ta' standing order ghal go kont tal-attrici, kif ilu jsir mill-1 ta' April, 2004.

Taqbel ukoll mal-proposta tal-perit legali li l-ispejjes tas-sahha ghandhom jigu ssopportati mill-konvenut u dan tenut kont tal-problemi li ghandhom it-tfal, li jirrikjedi li jattendu programmi adatti ghalihom l-Inspire, filwaqt li l-ispejjeZ edukattivi ghandhom jinqasmu bin-nofs.

**<u>DECIDE</u>**

Ghaldaqstant, dina l-Qorti taqta' u tiddeciedi billi:-

1. Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-ewwel, ir-raba', il-hames u s-seba' talbiet attrici in vista tal-fatt illi z-zwieg bejn il-partiijiet gie ddikjarat null permezz ta' decizjoni tat-Tribunal Ekklezjastiku tat-28 ta' Gunju, 2011, liema decizjoni giet ikkonfermata fis-26 ta' Ottubru, 2012.

2. Tilqa' t-tieni talba attrici u tafda l-kura u kustodja tal-minuri DB f'idejn l-attrici b'dan illi decizjonijiet ta' natura importanti illi jirrigwardaw is-sahha u l-edukazzjoni tal-minuri ghandhom jittiehdu miz-zewg genituri bejniethom u b'dan ukoll illi l-konvenut jibqghalu dejjem il-pjena possibililta' li jippartecipa fil-hajja edukattiva ta' uliedu u li jitlob u jottjeni, indipendentement mill-attrici, l-informazzjoni kollha riferibbilment ghall-minuri minghand l-awtoritajiet edukattivi u tas-sahha. Kull passaport ghall-minuri u kull safar tal-minuri jirrikjedi l-kunsens u permess taz-zewg genituri kontendenti.

   Dwar it-tifel C, illum maggorenni, tirrakkomandalu, kif ukoll liz-zewg kontendenti u l-minuri D, li jattendu ghall-terapija sistemika familjari f' dan ir-rigward.

   Takkorda access ghall-konvenut fil-konfront ta' ibnu minuri Antoine kif gej:-

   (i) Jumejn fil-gimgha fi granet meta l-minuri ma jkollux attivitajiet ohra, ghal tliet sieghat kull darba (bejn it-3.00 pm u s-6.00 pm) fil-granet skolastici u tmien sieghat kull darba (bejn l-10.00 am u s-6.00 pm) fil-vakanzi skolastici;
   (ii) Sleepover alternat fi tmiem il-gimgha, darba bejn il-gimgha fis-6.00 pm u s-Sibt fis-6.00 pm u darba bejn is-Sibt fis-6.00 pm u l-Hadd fis-6.00 pm., b'dan illi l-access fil-weekend ta' Jum l-Omm jigi ezercitat dejjem bejn il-Gimgha u s-Sibt u dak il-weekend ta' Jum il-Missier jigi ezercitat dejjem bejn is-Sibt u l-Hadd.

(iii) Access ulterjuri bejn is-1.00 pm u s-6.00 pm fit-8 ta' Dicembru ta' kull sena, fl-okkazzjoni tal-birthday tal-minuri, sabiex b'hekk il-minuri dejjem iqatta' s-7 ta' Dicembru mal-attrici ommu.

(iv) Access ta' tliet sieghat, a xelta tal-konvenut, fl-okkazzjoni ta' gheluq sninu;

(v) Access ghall-perjodu tal-Milied u l-Ewwel tas-Sena jsir b'mod alternat mis-6.00 pm tal-Lejliet il-Milied jew Lejliet l-Ewwel tas-Sena sas-6.00 pm tal-ghada.

B' dan illi kull cirkostanzi u istanza, ghandhom jigu rispettati x-xewqat tal-minuri tenut kont tal-eta' tieghu.

3. Tichad it-tielet talba in kwantu jirrigwarda t-talba ta' manteniment ghall-attrici nnifisha ghar-ragunijiet li kien hemm rinunzja da parti tal-istess attrici, li fuq kollox illum tahdem u ghandha l-introjtu taghha. In kwantu jirrigwarda lit-tifel C u l-minuri D tordna li l-konvenut ihallas lill-attrici s-somma ta' tlett mija u hamsa u ghoxrin Euros (€325) in linea ta' manteniment ghal kull wiehed miz-zewg uliedu, sakemm kull wiehed minn dawn l-ulied jibda jahdem jew jilhaq l-eta' maggorenni jew sal-eta' ta' 23 sena jekk ikun il-kaz ai termini tal-Artikolu 3B(2) tal-Kodici Civili. Il-hlas ghandu jsir permezz ta' standing order fil-kont bankarju tal-attrici minnha ndikat ghal dan il-ghan.

4. Tilqa' is-sitt talba b'dana li l-konvenut ghandu jirritorna lura l-mobbli kollha li ddikjarat l-attrici bhala proprjeta' parafernali sa fejn dawn gew accettati minn dina l-Onorabbli Qorti.

L-ispejjez ghandhom jinqassmu bejn il-partijiet.

**Onor. Anthony G. Vella** **Cettina Gauci**
**Imhallef** **Deputat Registratur**